**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 495/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Sammut Jonathan**

Illum, 17 ta Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Sammut Jonathan detentur tal-karta ta' l-identita' numru 206088M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**N**har nhar is-6 ta' Novembru, 2016 ghall-habta ta' 08:30hrs waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' Pembroke u fil-gzejjer Maltin

1. Waqt stagun miftuh b'deroga ghat-tehid tal-Ghasafar tal-ghana regolat bl-LS 549.93, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma ssofisfax il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil_Licenzja Specjali ghal-insib limitat ghall-ghasafar tal-ghana fil-Harifa tal-2016 mahriga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f'kull lifi iehor u cioe kien fuq sit li ma kienx approvat mit-Taqsima tar-Regolamenti ghall-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' kundizzjoni numru 5 tal-Licenzja Specjali rregolata fil-LS 549.93;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mid-Direttur jew Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg. 12(1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42,

3. B'hekk rrenda ruhu ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 12/11/2014 quddiem il-Magistrat Dr A. J. Vella LLD liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 12(1) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' malta u l-kundizzjoni numru 5 tal-Licenzja Specjali regolata fil-L.S. 549.93 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu multa t'elfejn ewro (€2,000) u kif ukoll revoka permanenti tal-licenzja.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Sammut minnu pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevokaha u thassarha in kwantu sabitu hati u tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern minghajr l-addebitu tar-recidiva.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

A. Dwar l-apprezzament tal-provi

Illi fil-proceduri odjerni l-appellant qieghed jigi akkuzat illi huwa effettivament kien qieghed jonsob f'sit li ma kienx approvat mit-Taqsima tar-Regolament ghall-Ghasafar Selvaggi u li fl-istess cirkostanzi kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi sabiex l-esponenti setgha jinstab hati ta' tali imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi, ossia dak ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi:

1. L-esponenti ma ghandux licenzja valida sabiex ikun jista' jonsob;
2. Il-post fejn kien qieghed armat il-mansab ma kienx wiehed approvat mit-Taqsima tar-Regolament ghall-Ghasafar Selvaggi; kif ukoll
3. Li effettivament il-persuna li kienet qieghda tonsob kienet l-esponenti.

Skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, issa appellant, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890,

*'71 cosi" detto onero della prova, cioe" il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osserzvit".*

Ghaldaqstant hija l- Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *'beyond reasonable doubt'* u l-esponenti mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu.

Di piu' ssir referenza ghal s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) deciza nhar l-24 ta' April, 2003 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina'[1] fejn il-Qorti tippreciza:

"Illi l-grad ta' prova li tilhaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-Ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l- akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt: kif gie deciz fil- kawza "Pulizija vs Bugeja" tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d- difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u / jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita.."

Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova l-elementi legali *supra* indikati u konsegwentament il-htija tal-appellant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li tali elementi ma jigux ippruvati sal-grad tac-certezza morali, il-Prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-kaz *de quo* l-esponenti qatt ma kkontesta l-ewwel u t-tieni elementi supra citati ossia dwar il-validita' tal-licenzja tal-insib tieghu u dwar il-post fejn instab tali mansab, madanakollu huwa nnega ghal darba, tnejn illi l-persuna illi effettivament kienet qieghda tonsob fl-imsemmi post kien hu.

Tibda' billi ssir referenza ghall-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti fejn huwa jsostni illi:

---

[1] Ippreseduta mill-Onor. Imhallef R. C. Pace, Onor. Imhallef D. Scicluna u Onor. Imhallef J. R. Micallef

*"…illi kien hemm rapport mill-Control Room fejn f'Inhawi ta' Pembroke kien hemm Membri tal-CAPS fejn kienu ghamlu rapport li kien hemm nassab li kien qed jonsob fejn ma kellux licenzja specjali biex ikun jista jonsob.*

*Nixtieq nghid li meta wasalna fuq il-post Mrs Barrows uritni l-Mansab fejn rajt persuna Maskili li kien ma' certu PC 16 u kien qed izzarma l-Mansab. Kont infurmat li kien in-nassab li ma kellux licenzja specjali u sirt naf li kien certu jonathan Sammut."*

Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' PC 16 fejn huwa jistqarr:

*".. jiena flimkien mal-pulizija msemmi hawn fuq dak il-hin morna fuq il-post indikat, fejn hemm iltqajna ma' din il-persuna vertu Fiona Burrows. Fiona kienet tinsab ma' persuna ohra feminili, li wkoll hija membru tal-istess ghaqda, fejn it-tnejn li huma indikawlna fejn kien jinsab n-nassab li kienet gharrfitna bih fuq dan it-telefonata…"*

Ghaldaqstant kemm mix-xhieda ta' PS 1141 kif ukoll minn dik ta' PC 16 jemergi illi la PS 1141 u lanqas PC 16 ma setghu jinnotaw lil tali nassab jonsob hekk kif waslu fuq il-post izda setghu jinnotaw biss mansab armat. Stante li tali ufficjali tal-Pulizija ma rawx lil dan in-nassab jonsob izda sabu biss mansab armat, setghu jistriehu biss fuq ix-xhieda ta' Miss Burrows li kienet prezenti u rat b'ghajnejha stess lil nassab jonsob illegalment.

Stante li l-uniku xhud okulari ta' dan l-insib illegali kient Fiona Burrows, jehtieg issir referenza wkoll ghad-deposizzjoni tal-istess Fiona Burrows li tat nhar il-15 ta' Novembru, 2017 quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-presenza tal-appellant. Fuq il-pedana tax-xhieda, Fiona Burrows ikkonfermat dak kollu sostnut minn PC 16 u PS1141 madanakollu meta mistoqsiha jekk taghrafx u tikkonfermax illi kien l-esponenti illi allegatament kien qieghed jonsob, Ms. Burrows, ghalkemm kienet biss ftit metri 'l boghod mill-appellant, naqset milli tikkonferma illi effettivament fil-hin illi sar ir-

rapport, kien l-esponenti illi kien qieghed jonsob illeglament, anzi sostniet illi hi ma tistax taghrfu.

Kif qatt' jista' jinghad li l-esponenti kien il-persuna li kien qieghed jonsob illegalment meta l-uniku xhud okulari prodott mill-Prosekuzzjoni u li kienet prezenti kemm qabel ma ghamlet ir-rapport kif ukoll waqt li kienu prezenti l-Pulizija, lanqas biss ikkonfermat illi effettivament kien l-esponenti illi kien qieghed jonsob?

Ghandu jigi mfakkar illi ghalkemm l-esponenti kien qieghed fuq il-post meta waslu l-Pulizija u konsegwentament tqabbad izarma tali mansab, madanakollu dan ma jfissirx illi kien huwa li kien qieghed jonsob. Dan ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt illi kemm l-esponenti, kemm hutu kif ukoll diversi familjari tieghu ohra huma dilettanti kbar tal-kacca u insib u jaghmlu uzu tal-istess taghmir meta jmorru jonsbu u/jew ghall-kacca, ghaldaqstant it-taghmir huwa wiehed komuni li juzaw bejniethom.

L-esponenti jikkontendi illi ghalkemm huwa kien qieghed fuq il-post meta waslu l-ufficjali tal-ALE, dan ma jfissirx illi huwa kien qieghed fuq il-post meta kien qieghed isir dan l-insib illegali u anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, dina l-Onorabbli Qorti tasal biex temmen illi l-esponenti kien qieghed fuq il-post meta kien qieghed isir tali nsib illegali, ma ngabet l-ebda prova illi effettivament huwa ppartecipa f'tali nsib.

A bazi tas-su espost, bir-rispett, tifli kemm tifli l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni hemm biss suspetti u kongetturi li ma humiex prova la diretta u lanqas indizzjarja. Hu ghalhekk li dan is-sejbien ta' htija ma huwiex *'safe and satisfactory to be confirmed on appeal.'* Din hija kawza tipika fejn il-Prosekuzzjoni lahqat biss il-grad tal-prova fuq livell tal-possibli, li lanqas f'kamp civili ma jregi – ahseb u ara fil-kamp penali.

Ghalhekk bla tlaqliq jinghad li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssegwi l-massima *'in dubio pro reo'* u ma ssibx lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

B. Dwar il-piena

B.1 Dwar l-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna u l-'window of opportunity'

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost, u b'mod sussidjarju biss u fl-eventwalita' li xi aggravju precedenti jigi skartat, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tikkunsidra dan l-aggravju.

L-ewwel Onorabbli Qorti imponiet fuq l-esponenti piena ta' elfejn Euro (€2000) kif ukoll ordnat b'mod permanenti r-revoka tal-licenzji tieghu mahruga a tenur tal-Avviz Legali 76 of 2006 kif sussegwentament emendat.

L-esponenti bir-rispett jikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ebda stanza fl-ghoti tal-piena ma kkunsidrat l-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna izda bbazat ruhha biss fuq l-element retributtiv.

Ghandu jigi mfakkar illi fl-ghoti tal-piena huwa l-oneru tal-gudikant li jimponi piena li hija proporzjonata mal-imputazzjonijiet illi l-hati jinstab hati taghhom. Fl-umli fehma tal-esponenti l-piena mposta fuqu ma hiex wahda proporzjonali, specjalment fid-dawl tal-fatt illi permezz ta' tali piena giet revokata kull licenzja li l-esponenti ghandu in konnessjoni ma' kacca u insib b'mod permanenti.

Qieghed jigi sottomess bir-rispett li fost dak li kellha tikkunsidra l-Ewwel Qorti kienu jekk kienux jezistu cirkostanzi [li effettivament kollox jindika li kienu jezistu] li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva, iktar u iktar meta illum is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu ghaliex kif gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu.

L-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet <u>'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'[2]</u> fejn dina l-Onorabbli Qorti tghallem:

"Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac- cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"

Il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita' taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum.

Kif qatt jista' jinghad li l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni dan l-aspett meta l-Ewwel Onorabbli Qorti tfiet kompletament ix-xema tat-tama li taghti l-opportunita lill-

---

[2] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

esponenti jirriforma ruhu billi rrevokatlu kull licenzja relata mal-kacca u insib b'mod permanenti?

Fl-umli fehma tal-esponenti permezz tal-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti mhux talli l-aspett riformattiv tas-sistema penali taghna ma nghatatx il-kunsiderazzjoni mehtiega, anzi tibqa' tezisti l-biza li meta tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz odjern, tali piena tkun wahda kontro-produttiva.

Issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet, 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Buttler' deciza nhar is-26 ta' Frar, 2009 fejn il-Qorti [3]sostniet:

Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l- iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. (sottolinear tal-esponenti)

L-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et."[4]:

---

[3] Ippreseduta mill-Onor. Prim Imhallef V. De Gaetano, Onor. Imhallef D. Scicluna u mill-Onor. Imhallef J. R. Micallef

[4] Deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

jistaqsi jekk dina l-Onorabbli Qorti f'kazijiet fejn l-akkuzat ma jkunx ta' eta' zghira u jkun recidiv, tasal biex toffri lill-akkuzat opportunita' li jbiddel hajtu minghajr ma tghabbih b'pieni esagerati li kapaci jwasslu ghal reati ohrajn, ghalfejn fil-kaz tieghu, li ghad ghandu disgha u ghoxrin (29) sena, le?

Il-kaz tali jipprospetta persuna, l-esponenti, li ghad ghandu biss disgha u ghoxrin (29) sena u li l-uniku delizzju li ghandu huwa l-kacca u l-insib. L-esponenti huwa persuna li prattikament jghix ghall-kacca u l-insib tant hu hekk illi jibda' jistenna l-ftuh tal-istagun tal-kacca u l-insib minn stagun ghall-iehor b'herqa kbira ghax dak huwa l-uniku delizzju tieghu. L-appellanti huwa persuna li minghajr il-kacca u l-insib hajtu tispicca mid-dar ghax-xoghol u mix-xoghol ghad-dar ghax dak huwa l-uniku zvog tieghu!

Fil-fatt ghalkemm qieghda ssir referenza ghall-kacca u l-insib bi kliem bhal 'zvog', 'delizzju' u 'namra', f'certu sitwazzjonijiet fejn il-persuna, bhall-esponenti, tkun ila tippratika dan id-'delizzju' sa minn ta' eta' zghira flimkien mal-familjari taghha, dawn il-kliem ma jaghmlux ghajb ghal dan l-agir ghax id-delizzju tant ikun dahal fil-fond illi hafna drabi jsir "vizzju."

Tant kemm il-kacca u l-insib huma daqstant importanti ghall-esponenti li huwa jippreferi jerfa' u juza l-*'vacation leave'* tieghu ghal waqt l-istaguni tal-kacca u l-insib minflok juzah sabiex isiefer ma' hbieb jew ghad-dirittura mal-familja tieghu. L-esponeti huwa persuna li waqt l-istagun miftuh tal-kacca u l-insib, jitfa' kollox fil-genb u jiffokka kompletament fuq dan id-delizzju, delizzju illi effettivament jonfoq fuqu eluf ta' ewro

kull sena sabiex jara li t-taghmir, tjur u l-klieb utilizzati ghal dan l-iskop ikunu f'kundizzjoni perfetta.

Ghadu jidwen fil-widnejn l-ewwel kliem li stqarr l-esponenti hekk kif hareg mill-awla tal-Magistrat Dr. A. G. Vella u ntebah li mhux ser ikun jista' jippratika l-uniku zvog li kien ghad fadallu f'hajtu, "Jien hajti spiccat, ma ghadx fadalli skop." Stqarrija tal-biza' meta tittiehed in kunsiderazzjoni fid-dawl ta' imwiet passata ta' nassaba meta gie imhabbar li l-istagun tal-insib kien ser jaghlaq darba ghal dejjem.

Ghalkemm fil-kaz *de qu*o l-istagun tal-insib mhux ser jaghlaq darba ghal dejjem madanakollu ghall-esponenti permezz tas-sentenza appellata s-sitwazzjoni hija wahda simili stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalqet f'wicc fl-esponenti bieb li m'hemm l-ebda possibilita' li jerga jinfetah hlief b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Ghal dawn il-mottivi, l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tifhem it-tbatija li t-telf tal-licenzja gabet fuq l-esponenti u dana jekk hemm bzonn anke bil-hatra ta' esperti u fl-ghoti tal-piena tiehu in kunsiderazzjoni l-eta' zghira tal-appellant, l-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna u kif huwa wkoll ghandu jinghata opportunita' ohra sabiex jirriforma ruhu u jkompli jippratika dan id-delizzju skond il-Ligi.

B.2 Dwar l-addebitu tar-Recidiva

Fid-dawl tal-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[5], sakemm ma ssirx il-prova mil-

---

[5] Il-Pulizija v. Richard Edwards, deciza 13/10/10 Appell 233/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;

Il-Pulizija v. Keith Camilleri, deciza 13/10/10 Appell 178/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;

il-Pulizija v. Anthony Borg, deciza 16/11/06 per Onor. Imh. J. Galea Debono

prosekuzzjoni li piena konsistenti f'multa giet imhallsa fis-shih, dik id-decizjoni, dejjem jekk res judicata, ma tistax titqies li hija prova valida ai fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz odjern, kemm il-fedina penali tal-appellant pprezentata mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat A. G. Vella a folio 42 tal-atti processwali jindikaw illi giet mposta fuq Sammut piena ta' multa. Madanakollu minn imkien fl-atti ma tezisti l-prova li dik il-multa thallset u/jew li giet skontata in segwitu ghal konverzjoni tal-istess fi prigunerija.

Ghanda ssir referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Grech'[6] fejn il-Qorti ddecidiet illi:

"Maghdud dan, madanakollu hemm ostakolu iehor li izomm lil din il-Qorti milli tqies dawn id-decizjonijiet ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Illi ghalkemm kif inghad ma jenhtiegx li issir l-prova permezz tar-Registratur tal-Qorti li dawn is-sentenzi ghaddew in gudikat u dan ghal motivi migjuba, madanakollu din il-Qorti tara illi kien jenhtieg ghal Prosekuzzjoni li jigi ippruvat is-segwenti u dan dejjem ai fini ta' dak dispost fl-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali: 1. Illi kif inghad f'zewg sentenzi jirrizulta illi l-appellanti wehel il-piena tal-multa. Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."

Ghaldaqstant stante li ma ngabet l-ebda prova li turi li tali multa giet mhallsa, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssib lill-appellant hati taht l-artikolu 50 tal-Kodici

[6] Deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef E. Grima

Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018 meta l-istess partijeit talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**PS 1141 Noel Tanti** xehed permezz ta' affidavit li gie mahluf nhar il-25 ta' Ottubru, 2017[7] u kkonferma li nhar is-6 ta' Novembru 2016 ghal habta tat-8.30a.m waqt li kien ma SM Attard kienu ircevew telefonata minghand PC 16 li kien hemm rapport mill-Control room fejn fl-Inhawi ta' Pembroke kien hemm membri tal-CABS fejn kienu ghamlu rapport li kien hemm xi nassab li kien qed jonsob fejn ma kellux licenzja specjali biex jghamle dan. Huwa marru fuq il-post u iltaqghu mas-Sinjura Burrows u wriethom fejn kien il-mansab u hemmhekk raw ragel maskili li kien ma PC 16 qed izarma mansab. Kien gie infurmat li dan kien mansab bla permess u hargu ricevuta lill-appellant li kienu ser jiehdu l-affarijiet salv ghat-tlettax-il ghasfur li kellu fil-mansab li ghandha in-numru 2901. Ikkonferma li kien l-istess appellant li zarma il-mansab

**PC 16 E. Zammit** xehed bl-affidavit [8] fejn ikkonferma li fis-6 ta' Novembru, 2016 huwa flimkien ma PC 1380 E Xuereb ghall-habta tat-8.30a.m. kienu ircevew telefonata mil-

[7] Fol. 12

[8] Fol.14

control room fejn ghaddewku persuna femminili, membru tal-CABS u din stqarret mieghu li kient tinsab gewwa Pembroke u kienet qed tara nassab jonsob f'sit bla permess. Huwa ghalhekk mar fuq il-post indikat lilu flimkien ma PC 1380 fejn hemmhekk iltaqghu ma Fiona Burrows li kienet fil-kumpanija ta' persuna ohra ukoll membru tal-CABS u din gharfithom li dan il-mansab jinsab bla permess u dan tafu ghaliex ghamlet il-verifiki taghha mal- WBRU.

Huwa flimkien ma PC 1380 avvicinaw li dan il-mansab fejn sabu lil certu Jonathan Sammut u minghandu elevaw mansab li kien fih tlettax-il ghasfur li kien qed jonsob bihom, liema ghasafar kienu libsin curkett u kienu kollha regolari.

Semghet li **Fiona Burrows** tixhed u dan quddiemha nhar l-4 ta Dicembru 2018. Dina stqarret li nhar is-6 ta' Novembru 2018 kienet ghaddejja Pembroka tipprova tiddentifika xi siti fejn kien qed issir insib illegali. Waqt li kienet niezla xi trejqa semghet vrieden jghajtu u minnufih rat li kien hemm mansab. Fisret li meta il-vreiden ighajtu tfisser li hemm mansab haj. Hija segwiet l-ghajta tal-vrieden u f'distanza imdaqsa, xi hmistax-il metro 'l boghod rat li kien hemm sit u go fiha kien hemm persuna tfekren pero' ma setghetx tgharfu jew tidentifikah.

Ghalhekk harget mit-trejqa u cemplet lill-pulizija u stenniethom fuq il-post. Wara ftit waslu xi pulizija u identifikatilhom fejn kien hem il-mansab u l-persuna li hija rat fid-distanza. Il-pulizija nizlu hdejn il-mansab u wara ftit irritornaw u infurmawha li kienu sabu mansab u li gie identifikat persuna ukoll.

Ikkunsidrat,

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-

Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[9]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[10]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[11]"; "**Il-Pulizija vs.Anthony Zammit**[12]" u ohrajn .)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[13]", inghad illi :-

"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.

---

[9] Mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1992

[10] Mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-14 ta' Frar 1989

[11] Mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[12] Mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[13] Mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l- 1 ta' Dicembru, 1994

Kien ghalhekk li din il-Qorti ezaminat mill-gdid ix-xhieda migbura fl-atti u semght lil Fiona Burrows tixhed viva voce.

Id-difiza sostniet fir-rikors tal-appell taghha li sabiex tissusti ir-reat moghti fil-konfront tal-appellant u cioe li huwa kien fuq sit mhux approvat mit-Taqsima tar Regolamenti ghall Ghasafar u Selvaggi waqt stagun miftuh b'feroga, u li kien qed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mid Direttur jew mill-Kummissarju tal Pulizija, il-prosekuzzjoni kellha tipprova is-segwenti:-

1. Li l-esponenti m'ghandux licenzja valida sabiex ikun jista jonsob.
2. Il-post fejn kien qieghed armat il-mansab ma kienx wiehed approvt mit-Taqsima tar regolamenti ghall-Ghasafar Selvaggi kif ukoll.
3. Li effettivament il-persuna kient qieghda tonsob kient l-esponenti.

Illi id-difiza m'hix qed tikkontesta l-ewwel zewg elementi u ghalhekk jibqa' biss li din il-Qorti titratta t-tielet element u cioe' li l-appellant kien qed jonsob.

Huwa minnu li hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha lil hi minnu dubbju detat mir-raguni pero' jigi rilevat ukoll li mhux kull dubbju hu dak dettat mir-raguni.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separate tal-provi. Dawn ghandom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-

ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

In primis id-difiza argumentat fir-rikors tal-appell taghha li ma kien hemm hadd li ra lill-appellant jonsob u li ghalhekk m'ghandux jisntab hati pero' din il-Qorti tirrielva li ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-l-appellant u cioe' s-sejba tieghu fil-prossimtia ta' mansab u l-allegati reati. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Jason Lee Borg</u>**[14]', fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reati u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li huma l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**[15]',

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

---

[14] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998

[15] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** jghid:

"*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by* dismissing other *possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.11*[16]".

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**[17]'.

---

[16] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018 Sweet & Maxwell (London), Pg. 533 para 8-119

[17] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[18].

Dan qed jinghad ghlaiex fil-kaz in desamina l-Qorti hija rinfaccjata bis-segwenti fatti.

1. Fiona Burrows semghet vrieden jghajtu u segweit l-ghajta taghhom u innotat li kien hemm mansab haj.
2. Illi dan l-sitat ta' fatt gie kkonfermat mill-pulizija li marru fuq il-post dakinhar stess ftit wara it-telefonata taghha.
3. Illi Fiona Burrows rat persuna tfekren fis-sit pero' ma setghetx tidentifikah ghaliex kienet 'l boghod minnu hmistax- il-metru.
4. Pero' din il-persuna li kienet l-appellant giet identifikata mill-pulizija u appuntu minn PC 16 u PS 1141 li marru fuq il-post.
5. Illi l-pulizija taw ordni lill-appellant beix izarma dan il-mansab u fil-fatt l-appellant minghajr ebda argument zarma il-mansab.
6. Illi l-mansab gie elvat mill-pulizija u l-appellant inghta ricevuta tieghu u iffirma ghall-istess.
7. Illi di piú inghata ukoll hmistax-il-verdun li kien fil-mansab li bih kien qed isisr l-insib u l-appellant accetta dawn l-sitess vrieden.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huma kollha cirkostanzi univoci li jorbtu lill-appellant mar-reati in desamina u ghalhekk il-gudizzju li waslet ghalih l-ewwel Qorti fir-rigward ta'htiaj kien wiehed *safe u satisfactory*.

---

[18] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti migjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014.

Dwar l-akkuza tar-recidiva l-appellant issostni li din m'ghandhiex tirrizulta u dan ghaliex skond l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9, l-proskeuzzjoni kellha tipprova li in effetti l-multa li gie ikkundannat ihallas peremzz ta' sentenza tal-Qorti[19] in effetti thallset biex b'hekk jibda' jiddekorri it-termini preskritt fl-istess artikoli 49 u 50 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tghamel referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Grech'**[20] fejn il-Qorti ddecidiet illi:

**"Maghdud dan, madanakollu hemm ostakolu iehor li izomm lil din il-Qorti milli tqies dawn id-decizjonijiet ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Illi ghalkemm kif inghad ma jenhtiegx li issir l-prova permezz tar-Registratur tal-Qorti li dawn is-sentenzi ghaddew in gudikat u dan ghal motivi migjuba, madanakollu din il-Qorti tara illi kien jenhtieg ghal Prosekuzzjoni li jigi ippruvat is-segwenti u dan dejjem ai fini ta' dak dispost fl-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali: 1. Illi kif inghad f'zewg sentenzi jirrizulta illi l-appellanti wehel il-piena tal-multa. Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."**

A bazi tas-suespost kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex ragun meta fis-sentenza appellata sostniet illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova anke l-addebitu tar-recidiva meta esebiet sentenza tat-12 ta' Novembru, 2017[21], minnfejn tirrizulta l-identita' tal-imputat u minn fejn tirrizulta li l-appellant gie kkundannat ihallas multa ta elfejneuro ( €2,000)).

---

[19] Deciza mill-Qorti tal Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura kriminali nhar it-12 ta NOvembru 2017

[20] Deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef E. Grima

[21] Fol. 27

Ghaldaqstant stante li ma ngabet l-ebda prova li turi li tali multa giet mhallsa, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssib lill-appellant Farrugia hati taht l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Dwar l-aggravju tal-piena .

Jignhad li l-ewwel Qorti kienet ikkundannat lill-appellant sabeix ihallas multa ta' elfejn euro (€2,000) u oltre dan ordnat li jigi skwalifikat mill-licenzja tieghu tal-kacca ghal dejjem u dan peress li sabitu hati tal-akkuzi prinicplai kif ukoll talli hu recidiv .

Id-difiza issostni li ma hemmx proporzjonalita' bejn il-piena eerrogata u r-reati kommessi mill-appellant. L-Avukat Generali dwan dan l-aggravaju isostni li la l-piena moghtija amill-ewwl Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi hija ma thossx li ghandha tikkummenta ulterjorment u thoss li is-sentenza ghandha tigi konfermata.

Huwa minnu li dawn ir-reati ta' insib illgali qed isisru komuni hafna u l-Qorti trid tinidirizza din is-sitwazjni bili tindirizzha din l-illegalita' fis-entenzi taghha pero' jinghad li filwaqt li l-gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tal-istess socjeta', madanakollu l-gudikant **<u>mhux</u>** qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta tal-pubbliku in generali.

Kif sostna **Lord Justice Lawton** fil-kaz **<u>R v Sargeant</u>**[22]:

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The***

[22] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

***courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Din il-Qorti tqis li l-piena li ghandha timpani ghandha tigi meqjusa ghal kull kaz b'mod separat. Il-Qorti ma temminx li hija ghandha QATT timponi piena sabeix isservi ta' deterrent ghal-haddiehor. Id-deterrent hu dak li jsitabilixxi il-ligi fil-parametri li taghti il-gudikant pero' mhux fis-sentenzi li jinghataw minnha. Din il-Qorti thoss li l-piena li hija taghti fis-sentenza taghha hija dik il-piena li tkun msithoqqa lil dak li jkun qed jidher quddiemha u li jkun kiser il-ligi u ghalhekk qed tikkundnnah ghal dak l-ghemil tieghu.

Illi f'dan il-kaz l-appellant giet mitluba tindirizza il-kwisjtoni jekk **il-proporzjonalita' fil-piena u l-aspett riformattiv tas-sistema penali taghna gietx milqugha bil-piena li giet inflitta.**

Jinghad li din il-Qorti kutnrarjament ghall-ewwel Qorti m'hix qed issibu hati talli hu recidiv pero' dan ma jfissirx li m'ghandhiex thares lejn il-fedina penali tieghu. Jidher minn ezami tal-istess li l-appellant mhux a 'first time offender' fir-rigward tar-reati li qed issibu hati taghhom illum u li gia ingahta multi konsiderevoli pero' ma tghallimx minnhom tant li rega' qieghed quddiem il-Qorti u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti m'hix propensa li tbiddel il-multa inflitta u thoss li hemm proporzjonalita' bejn il-multa inflitta u r-reati moghtija u dan ghaliex minekkja li gia nstab hati ta' akkuzi simili u gie kkundannat ihallas multi xorta ma zammx il-boghod mill-kommissjoni ta' reati simili ohra.

Pero' dwar l-ordni ta skwalifika tal-licenjza tal-kacca ghal-ghomor tal-appellant, din il-Qorti issibha li hija piena esagerata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u ghalhekk thoss li ghanda tirriduci it-termini moghti f'dan ir-rigward.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tas-sejba ta' htija ta' l-ewwel u t-tieni akkuza u fir-rigward tal-multa inflitta, qiegdha tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tal-aggravju tar-recidiva u dan billi qed tilbierah minnha u in oltre qiegdha tirrforma is-sentenza moghtija fir-rigward tal-Ordni moghtija li tikkoncerna l-licenzja tal-kacca tal-appellant billi qed tirriduci t-terminu tal-iskwalifika ghall-perijodu ta' sena m'illum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur